MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 493/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**

**KONTRA**

**SILVAN BRIFFA ta’ 22 sena, iben Paul u Gawdenza nee’ Seguna, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-31.10.1987, residenti fil-fond 228, Holy Mary, Triq San Edwardu, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 492 087M;**
**U VANESSA CURMI ta’ 20 sena, bint Raymond u Mary Grace nee’ Gatt, imwielda Tal-Pieta’ nhar is-06.01.1990, residenti fil-fond 110, Bellveder, Triq il-Hammieri, Hal-Qormi, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 43290M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **SILVAN BRIFFA** u **VANESSA CURMI** li gew akkuzati talli:

1. **Silvan Briffa wahdu** talli nhar it-08.11.2006 ghall-habta ta' 18.15hrs waqt li kien f'Hal-Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Antoine Seychell f'periklu car, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq l-istess persuna, liema ferita tista' ggib mankament jew sfregju fil-wicc skond kif iccertifika Dr J Brincat MD Hal-Qormi;

2. U aktar talli **Silvan Briffa u Vanessa Curmi flimkien**, fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ikkagujnaw feriti ta' natura hafifa fuq Antoine Seychell;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hebbew ghall-imsemmi Antoine Seychell sabiex jingurjawh, idejquh, jew jaghmlulu hsara;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku xi kliem oxxejn jew indecenti li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kisru l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 6);

Rat ghalhekk li fi stadju ta' interrogatorju Curmi wiegbet illi la kellha oggezzjoni ghal tali proceduri u lanqas li kienet hatja ta' l-akkuzi lilha addebitati. Anke Silvan Briffa rregistra n-nuqqas ta' oggezzjoni, kif ukoll li ma kienx hati ta' l-akkuzi lilu addebitati.

Rat ir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri li kellu jiddetermina kienx hemm sfregju fuq il-persuna ta' Antoine Seychell. Ghalhekk mid-Dok MS a folio 14 – 26, Dr Mario Scerri kkonkluda li c-cikatrici fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kienet lacerazzjoni kagunata minn blunt trauma, cioe' minn

strument li ma jaqtax u bla ponta. Zied Dr Mario Scerri li din ic-cikatrici kienet evidenti minn talking distance u tibqa' bhala marka permanenti u sfiguranti fil-wicc.

Rat anke d-dokumenti ezebiti mill-istess Antoine Seychell, Dok AS u Dok AS1. L-istess Seychell xehed illi hu kien ghaddej bil-karozza u waqqfu l-imputat Silvan Briffa. Qal illi bdew jaghtuh l-imputati u Carmen Seychell li kienet l-ex mara tieghu. Qal illi kien Silvan li beda jaghtieh go wiccu bil-ponn. Zied illi l-imputati kienu ggieldu mieghu qabel, kif ukoll illi anke kellu xi jghid ma' missierhom. Innega li hu kellu daqqa ohra go wiccu qabel.

Mill-PIRS redatt u ezebit minn PS 487 Rueben Balzan, mitkellem Antoine Seychell qal illi Briffa kien waqqfu u beda jaghtih ghalxejn b'xejn. Minn naha tieghu Briffa, mitkellem minn dan is-Surgent, qal illi Antoine Seychell beda jqabbad xi nies biex isawtu lill-gharusa ta' l-imputat. Zied illi meta ltaqa' ma' Antoine dan beda jaghmel gesti oxxeni b'idejh, tant anke li hariglu subajh. Kien hawn li Silvan Briffa beda jaghtih. Zied is-Surgent illi Vanessa, din ammettiet illi meta rat lil Seychell u lil Briffa fl-idejn, hi gidmet lil Antoine Seychell.

Fix-xhieda tieghu Antoine Seychell xehed ukoll dwar il-gidma li sofra f'idejh.

Ghalhekk il-griehi li sofra Seychell huma kompatibbli kemm ma' gidma kif ukoll ma' daqqa ta' ponn, 'blunt trauma'.

In difesa xehdet ukoll Carmen Seychell – l-ex mara ta' Antoine Seychell. Qalet illi dakinhar ta' l-incident hija kienet qieghda titkellem ma' hbieb taghha, inkluza l-ko-imputata. Xehdet li beda tiela' u niezel Antoine Seychell, anke jaghmel u-turn. Qalet illi Antoine waqaf u beda joffendi lil Silvan, johroglu subajh, u sahansitra waqaf ghalih. Qalet illi Antoine fetah il-bieba u ghalhekk Seychell u Briffa gew fl-idejn. Qalet illi Antoine qabad lil huha minn ghonqu, u li Vanessa ghalhekk gidmitu f'idejh (lil Antoine).

Qalet li kif Antoine waqaf bil-karozza u fetah il-bieba u gew fl-idejn, Silvan Briffa ddefenda ruhu.

Xehdet ukoll illi meta kienet ma' Antoine, tiftakar li kellu marka bhal daqqa go wiccu. Murija r-ritratti Dok AS 1 u JB 2, xehdet dwar wahda fuq imniehru u ohra taht ghajnejh.

Ikkunsidrat:

Illi certament bejn l-imputati u Antoine Seychell, kellu x'kellu f'wiccu qabel Seychell skond dak allegat mid-Difiza u li frankament xejn ma jirrizulta car ghall-Qorti, zgur li Seychell sofra sfregju fil-wicc (vide rapport ta' Dr Mario Scerri). Mhux car mix-xhieda mismugha min fil-fatt beda din il-glieda, ghalhekk hemm probabbilta' li dan kollu gie nstigat mill-istess Seychell, aktar u aktar jekk kien hu li nizel mill-vettura ghall-imputati – ghaldaqstant dan kolllu ghandu jimpingi fuq il-piena.

Tenut kollu ta' dak premess, qieghda ssib lil Briffa Silvan hati ta' l-akkuzi lilu dedotti, dan wara li rat l-Artikoli 215, 216, 218, 221, 339, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieghda ghaldaqstant tikkundanna lil **Silvan Briffa** ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt (3) snin, wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' **Vanessa Curmi** qieghda ssib htija taht l-Artikoli 215, 221, 339 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannaha ghal multa fl-ammont ta' €233.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------